KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 408 B'Urġenza

L-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020) fit-3.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunita' "steward" għat-Trattament xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**

Is-Sindku talab lil Viċi Sindku, bħala l-persuna inkarigata mid-dekasteru għall-ħarsien tal-annimali, biex tagħti spjega ta' din l-iskema. Is-Sindku rreferiet għaċ-Ċirkolari b'dan it-titlu maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u -Drittijiet tal-Annimali, flimkien mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, liema kopja qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hemmx xi domandi.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet x'responsabiltajiet ser ikollu dan l-Uffiċjal u talbet biex tintbagħat kopja tal-applikazzjoni lill-Kunsilliera. Il-Viċi Sindku qalet li hemm lista sħiħa ta' responsabiltajiet, li qegħda elenkata fil-korrispondenza item 8.0. Il-Viċi Sindku qalet li peress li l-applikazzjoni hija fuq bażi ta' f' "first come first served", ħadet ħsieb li l-applikazzjoni tkun kompluta biex mal-approvazzjoni tal-Kunsill tkun tista' tintbagħat. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċirkola kopja bl-email.

Il-Kunsillier Kurstein Sant staqsa jekk l-istewards hux ser ikunu allokati mal-Kunsill Lokali jew mar-Reġjun. Il-Viċi Sindku qalet li minn kif spjegat, l-isteward ikun allokat ma' Kunsill Lokali wieħed jew ma Kunsilli oħra, kif imniżżel fil-korrispondenza tal-iskema item 6.0.

Is-Sindku propona l-approvazzjoni biex tintbagħat l-applikazzjoni għall-ingaġġ ta' "steward". Il-Kunsill unanimament approva.

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 21 ta' Ġunju 2021

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |